I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1354/2007

**tal-15 ta' Novembru 2007**

**li jaddatta r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (REACH) minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 56 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005, fejn atti ta' l-istituzzjonijiet adottati qabel l-adeżjoni jeħtieġu addattament minħabba l-adeżjoni, u addattamenti meħtieġa ma kinux previsti fl-Att għall-Adeżjoni jew fl-Annessi tiegħu, l-atti meħtieġa għandhom jiġu adottati mill-Kunsill sakemm il-Kummissjoni ma tadottax l-att oriġinali.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 [1] dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni, u r-Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ġie adottat qabel l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, u jeħtieġ addattament minħabba din l-adeżjoni.

(3) Għalhekk jixraq li tiġi modifikata d-definizzjoni ta' sustanza li qed tiġi introdotta sabiex is-sustanzi manifatturati jew li jitqiegħdu fis-suq ġewwa l-Bulgarija u r-Rumanija qabel l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea jkunu soġġetti għall-istess kondizzjonijiet bħalma jsir għas-sustanzi manifatturati jew li jitqiegħdu fis-swieq ta' Stati Membri oħrajn,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 3(20) il-punti (b) u (ċ) għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"(b) ġiet manifatturata fil-Komunità, jew f'pajjiżi li aderew ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 1995, fl-1 ta' Mejju 2004 jew fl-1 ta' Jannar 2007, iżda li ma tqiegħditx fis-suq tal-manifattur jew ta' l-importatur, ta' l-anqas darba fl-aħħar ħmistax–il sena qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, bil-kondizzjoni li l-manifattur jew l-importatur ikollu evidenza dokumentata dwar dan;

(ċ) tqiegħdet fis-suq tal-Komunità, jew ta' pajjiżi li aderew ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 1995, fl-1 ta' Mejju 2004 jew fl-1 ta' Jannar 2007, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mill-manifattur jew mill-importatur u ġiet ikkunsidrata bħala li kienet notifikata skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 67/548/KEE iżda li ma tikkonformax mad-definizzjoni ta' *polymer* kif stabbilit f'dan ir-Regolament, bil-kondizzjoni li l-manifattur jew l-importatur ikollu evidenza dokumentata dwar dan;".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1. Ikkoreġuta fil-ĠU L 136, 29.5.2007, p. 3.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 15 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. de Lurdes RODRIGUES